# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa**
**Erbgha u għoxrin (24) ta' Frar 2023**

**Rikors Numru 751/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**John Cordina (ID 826644M) eżerċjenti fil-kummerċ bl-isem 'Cafe Cordina'**

**Vs**

**Roderick Johan Theuma**
**(ID 664082M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 16 ta' Awissu 2022, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

    1. *Illi l-attur jopera l-Istabbiliment ġewwa l-Belt Valletta magħruf bl-isem Caffe Cordina;*

    2. *Illi l-konvenut Roderick Johann Theuma kien impjegat ta' Caffe Cordina fir-rwol ta' Chief Financial Officer (CFO) mid-9 ta' Novembru tas-sena 2021 sakemm l-impjieg tiegħu ġie terminat f1-10 ta' Jannar tas-sena 2022 għal raġunijiet li ser jiġu spjegati aktar 'il quddiem;*

    3. *Illi meta l-konvenut kien għadu fl-impieg tal-attur ġie a konjizzjoni tal-attur il fatt li l-imsemmi konvenut Roderick Johann Theuma, kien qiegħed jikseb pagamenti minn Caffe Cordina b'aġir irregolari u frawdolenti bi ħsara għall-istess attur u dan billi jitrasferixxi flus mill-kontijiet ta' Caffe Cordina għal kontijiet personali tiegħu;*

    4. *Illi fid-dawl ta' dan l-attur ittermina l-impjieg tal-konvenut imma, f'attentat biex il-vertenza tissolva, ġie miftiehem illi l-konvenut jibqa' jagħti s-servizzi*

*tiegħu lil Caffe Cordina taħt kuntratt ta' servizzi b'dan li l-ammonti dovuti lilu jiġu paċuti mal-ammont ta' ċirka erbat elef u disa' mitt Euro (€ 4,900) li huwa kien seraq minn Caffe Cordina;*

5. *Illi mhux talli hekk, iżda talli saħansitra meta l-konvenut ħadem is-sigħat meħtieġa biex ipaċi l-ammont dovut, Caffe Cordina kompla uża s-servizzi tiegħu u ħallsu ta' dan;*

6. *Illi dan kollu ġie regolat bi ftehim bejn il-partijiet (Dok CC 1 anness) li saħansitra ġie eżebit fil-proċeduri kriminali mnedija mill-Pulizija kontra l-konvenut, u liema ftehim għen biex tiġi mitigata l-piena tal-konvenut;*

7. *Illi kien għalhekk ta' sorpriza u ta' diżappunt kbir għall-attur meta reċentement inkixef, wara verifika li saru mill-accountant Janice Schembri, illi addirittura fiż-żmien meta l-konvenut kien qiegħed suppost jagħti s-servizzi tiegħu sabiex iħallas lura l-flus li kien seraq huwa kompla bl-aġir frawdolenti tiegħu, b'dan illi irriżulta illi saru sitt transazzjonijiet f'temp ta' ftit xhur bejn Jannar u Marzu, 2022 li bihom il-konvenut kompla jitrasferixxi fondi ta' Caffe Cordina fil-kont personali tiegħu. (dettalji tat-transfers Dok CC2 sa CC7, u prospett CC8)*

8. *Illi, fil-qosor, jiirriżulta illi l-konvenut kien qiegħed jikseb awtoriżazzjonijiet mingħand l-impjegati tiegħu sabiex iwettaq hekk imsejħa SEPA payments li suppost kellhom isiru lil fornituri ta' Caffe Cordina, iżda kien imbagħad, bil-moħbi tal-attur, jeffettwa pagamenti direttament fil-kontijiet personali tiegħu.*

9. *Illi għalkemm l-ammont finali tad-danni sofferti minn Caffe Cordina minħabba l-aġir tal-konvenut sussegwentement għat-trasferiment oriġinali għadu jrid jiġi likwidat b'ċertezza, mill-investigazzjonijiet imsemmija iżjed 'il fuq jidher li l ammont misruq huwa ta' sbatax-il elf u erba' mitt Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€17,400.92) u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

10. *Illi Luca Cordina, CEO ta' Caffe Cordina, f'isem l-attur għamel rapport lill-Pulizija Eżekuttiva fir-rigward ta' dak spjegat hawn fuq u dan partikolarment fid-dawl tal-fatt illi l-istess konvenut kien ġie ġa investigat preċedentement mill-Pulizija Eżekuttiva;*

11. *Illi l-attur ressaq mandat ta' sekwestru fI-għoxrin ta' Lulju tas-sena 2022 sabiex jikkawtela l-pretensjoni mressqa f'din il-kawża, iżda l-konvenut għadu sallum inadempjenti;*

12. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħid il-konvenuti, għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna;*

i. *tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-attur f'somma ta' sbatax-il elf u erba' mitt Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€17,400.92) jew somma verjuri konsistenti f'somom misruqa mill-konvenut kif fuq spjegat;*

ii. *Tordna lill-konvenut sabiex iħallas lura lill-attur is-somma msemmija ta' €17,400.92 jew somma verjuri li tista' tiġi likwidata minn din il-Qorti skont l-ewwel talba.*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 19/2022 TA u bl-imgħax legali mid-data tat-teħid tas-somom imsemmija sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fid-19 ta' Jannar 2023, l-intimat deher u, bi qbil tar-rikorrent, talab differiment sabiex jirregola ruħu mar-rikorrent.

3. Rat illi fit-23 ta' Jannar 2023, ir-rikorrent ippreżenta nota fejn irriduċa t-talba tiegħu għas-somma ta' tmint' elef, sitt mija u sitta u disgħin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€8,696.92) oltre imgħaxijiet u spejjeż.

4. Rat illi fit-23 ta' Jannar 2023, l-intimat deher quddiem il-Qorti w ikkonferma l-ammont dovut u għalhekk ammetta t-talba tar-rikorrenti bl-ammont kif ridott.

5. Rat illi fit-23 ta' Jannar 2023, il-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

6. Rat illi għalhekk il-kawża ġiet differita għall-24 ta' Jannar 2023.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u rat ir-riduzzjoni tat-talba;

Wara illi rat l-ammissjoni ta' l-intimat għat-talba kif ridotta;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif korretta u, konsegwentement:

**Tiddikjara** li l-konvenut huwa debitur tal-attur f'somma ta' tmint' elef, sitt mija u sitta u disgħin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€8,696.92) konsistenti f'somom misruqa mill-konvenut, kif ammess mill-istess konvenut;

**Tordna** lill-konvenut sabiex iħallas lura lill-attur is-somma msemmija ta' tmint' elef, sitt mija u sitta u disgħin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€8,696.92).

**Imgħax** u **Spejjeż** tal-proċeduri odjerni, kif mitluba, ikunu kollha a kariku ta' l-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**